**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2018**

**Talba Nru: 291/2017 PM1**

**Donald Cassar (KI 374175(M))**

**Vs**

1) **Dilja Car Imports Limited (C27025)**
2) **Emanuel Mangion (KI 301262(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2017 illi l-intimati jew min minnhom ghandhom jigu kkundannati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elf u tmien mitt euro (€1,800) rapprezentanti pagamenti li kienu saru mir-rikorrenti fuq vettura tal-marka Toyota Ractis, liema vettura giet irritornata mir-rikorrenti lill-intimati u dan in segwitu ta' insistenza da parti tal-intimati stess imma dan bil-patt u l-kundizzjoni li l-pagamenti li kienu lahqu saru ghandhom jigu immedjatament rifuzi. Minkejja diversi weghdiet ta' hlas u inkontri ghall-istess b'mod bonarju, l-intimati jew min minnhom baqghu inadempjenti. Ghalhekk kellha titressaq din it-talba. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-

ittra ufficjali (166A) 803/2017 kontra l-intimati jew min minnhom u bl-interessi skont il-ligi sal-pagament efettiv kontra l-intimati ingunti in subizzjoni.

Illi l-konvenuti gew debitament ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheru ghas-seduta tad-9 ta’ Jannar, 2018 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tad-9 ta’ Jannar, 2018 fil-konfront taz-zewg intimati u fil-fatt l-istess intimati naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u tmien mitt euro (€1,800) rapprezentanti pagamenti li kienu saru mir-rikorrenti fuq vettura tal-marka Toyota Ractis bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali (166A) 803/2017 kontra l-intimati bl-interessi mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lill-intimati rispettivi sal-pagament effettiv kontra l-istess intimati.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**